MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 179/2004

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta’ Gunju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-14 ta’ Awissu 1998 (Certifikat taz-Zwieg anness bhala Dok. “A”);

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma’ xulxin permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Romina Bartolo ta’ l-24 t’ Frar 2004 (Kopja annessa bhala Dok. “B”);

Illi z-zwieg sehh fi ftit xhur minn meta l-partijiet indunaw li l-konvenuta kienet inqabdet tqila’;

Illi l-attur izzewweg minhabba pressjoni da parti tal-konvenuta sabiex issir dan iz-zwieg malajr minhabba l-istess tqala;

Illi meta zzewgu l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha skond kif rikjest fil-ligi;

Illi meta zzewgu l-partijiet kellhom il-kunsens rispettiv taghhom vizzjat ukoll a tenur ta’ l-**artikolu 19 subartikolu 1 (f)**;

Illi l-istess attur talab li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Awissu 1998 huwa null u bla effett *a tenur* ta’ l-**artikolu 19 subartikoli 1 (d) u 1 (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebit.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-30 ta’ Lulju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet tletin (30) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-konvenuta B datata 25 ta’ Novembru 2004, a fol. 18, li permezz taghha tat ruhha b’ notifikata bl-Att tac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-attur datata 29 ta’ Novembru 2004, a fol. 19, li permezz taghha prezenta l-affidavit **tieghu**, tal-

**kollega** tieghu **Alan Grima** u tal-**habiba** tieghu **Sharon Cilia**.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Dicembru 2004, fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop, anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat ir-rikors tal-konvenuta B, datat 19 ta’ Jannar 2005, a fol. 30, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tipprefegilha terminu sabiex din tkun tista’ tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa w opportunti.

Rat id-digriet datat 20 ta’ Jannar 2005, a fol. 32, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien erbat ijiem ghar-risposta w ordnat lill-konvenuta tikkonferma r-rikors taghha tas-19 ta’ Jannar 2005 bil-gurament.

Rat ir-risposta tal-attur A, datata 11 ta’ Frar 2005, a fol. 34.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Frar 2005, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta biex tipprezenta l-affidavit kollha fuq il-punt tal-kontumacja fi zmien sebat ijiem bin-notifika lill-kontroparti jew lid-difensur tieghu li jkollu sebat ijiem ghall-affidavit risponsivi u r-rikors thalla ghall-finali trattazzjoni *seduta stante.*

Rat il-verbal datat 11 ta’ Mejju 2005, fejn il-konvenuta u d-difensur taghha Dr. Jose’ Herrera msejhin diversi drabi baqghu ma’ dehrux u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghat-30 ta’ Gunju 2005.

Rat id-dokumenti esebitti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok jigi nnutat li din il-kawza hija limitata sabiex tiddeciedi fuq it-talba tal-konvenuta mressqa fir-rikors (fol. 30) taghha datat 19 ta’ Jannar 2005 sabiex tinghata lilha l-fakolta’ li tpprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk jidher li l-istess konvenuta qed titlob effettivament li tigustifika l-kontumacja taghha.

Illi fil-fatt jinghad li fl-istess rikors l-istess konvenuta tramite d-difensur taghha tammetti li hija tinsab fi stat ta’ kontumacja, stat legali li jimporta li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u hija ma’ prezentatx fit-terminu moghti fil-ligi nota ta’ eccezzjonijiet. Fil-fatt fl-istess rikors l-Avukat taghha Dr. Jose’ Herrera jghid li *“f’din il-kawza l-kljenta tieghi tinsab kontumaci…. Illi l-esponenti tirrileva illi meta hija kienet giet debitament notifikata bic-citazzjoni………”.*

Illi fil-fatt b’nota datata 25 ta’ Novembru 2004 a fol. 18 tal-process wiehed isib li jinghad is-segwenti *“Nota tal-konvenuta B, li biha taghti ruhha b’notifikata bl-Att tac-citazzjoni”.* Din in-nota hija ffirmata mill-avukat Dr. Jose’ A. Herrera – R. F. S. 826 – 2004). Tali att gie pprezentat mill-P.L. J. Pace Ciscaldi.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li minkejja li l-istess rikorrenti u konvenuta inghatat zmien li tipprezenta l-affidavits kollha dwar it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni ta’ kontumacja b’digriet tat-22 ta’ Frar 2005 u fi zmien seba’ (7) t’ijiem mid-data ta’ l-istess l-istess konvenuta baqghet ma’ ghamlet xejn minn dan ghalkemm hija halfet fl-14 ta’ Frar il-kontenut ta’ l-istess rikors (tad-19 ta’ Jannar 2005) skond id-digriet ta’ din il-Qorti datat 20 ta’ Jannar 2005.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li qabel il-prezentata tar-rikors l-istess Avukat tal-konvenuta ffirma li rcieva ghan-nom tal-konvenuta l-affidavit ta’ l-attur pprezentati minnu fid-29 ta’ Novembru 2004 u fil-fatt a fol. 19 tal-process hemm *visto* bil-kliem *in iskritt “visto tan-notifika ghall-Dott. Jose’ Herrera”* b’firma datata 29 ta’ Novembru 2004.

Illi premess dan kollu din il-Qorti tirrileva li fl-istess rikors il-konvenuta tghid li meta giet notifikata bic-citazzjoni attrici hija ma kellhiex l-intenzjoni li tikkontesta t-talba u ghalhekk hija ma’ pprezentat l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet, izda hija jidher li bidlet l-idea wara li giet notifikata bl-affidavits ta’ l-attur , ta’ Alan Grima u ta’ Sharon Cilia, ghaliex hija tghid li hemm partijiet minn dawn id-disposizzjonijiet li huma inveritieri u konsegwentement ipogguha f’dawl hazin intortament u ghalhekk minhabba l-premess u skond hija sabiex *“tissalvagwardja l-unur u r-reputazzjoni taghha u dana anki fl-interess tat-tifla jidhirlha li f’dan l-istadju li jkun opportun li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha sabiex taghti l-versjoni taghha u taghti x-xhieda”.*

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tirrepeti dak li gja intqal f’sentenzi ohra fosthom **“Rita Schembri vs Mario Schembri”** (P.A. (RCP) 26 ta’ Gunju 2003) u cjoe’ li ghalkemm huwa veru li din hija kawza ta’ annullament taz-zwieg, pero’ wkoll ma hemm l-ebda dubju li r-regoli tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja huma l-istess ghal kull kawza, kemm jekk din titratta dwar l-ligi tal-familja, u kemm jekk hija kawza ohra ta’ natura civili jew kummercjali, u dan ghaliex l-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fir-rigward, kif wkoll lanqas taghmel din id-distinzjoni jew differenza ta’ trattament il-gurisprudenza nostrali.

Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi”** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta’ Lulju 2001) fejn inghad is-segwenti:-

*“Indubbjament l-istutut ta’ kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma’ l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort’ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta’ kontumelja u disprezz da parti ta’ min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir*

*distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex".*

*"Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti. Dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istat kontumacjali tal-konvenut jew tal-konvenuta f'kawza ta' separazzjoni personali jista' wkoll spiss ikollu effett negattiv mhux biss fuq dik il-parti, imma wkoll fuq haddiehor, bhal per ezempju l-ulied minuri".*

*"Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha latitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha, anke biex tasal ghall-konvinciment dwar min kien rejalment il-htija tat-tifrik taz-zwieg".*

Illi fil-maggor parti dan japplika wkol ghal kawza ta' annullament taz-zwieg, hlief li jinghad ukoll li f'dawn it-tip ta' kawzi dejjem hemm il-prezunzjoni favur l-validita' taz-zwieg, u dan anke peress li z-zwieg huwa istitut importanti fil-pajjiz u istitut li ghandu jigi minnu nnifsu protett.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), u affermat fis-sentenza **"Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar"** (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005) il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili."*

8. L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. **(Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).**

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (*vide* **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza P.A. (RCP) 21 ta' April 1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

Illi jidher car li l-premessi ta' l-istess rikors tal-konvenuta ma jikkostitwux raguni valida ghall-gustifikazjoni tal-kontumacja, anzi juru li l-konvenuta ghazlet hija li ma' tipprezentax l-eccezzjonijiet taghha fit-terminu ghaliex ma' kienx behsieba tikkontesta din il-kawza; jidher li pero' hija bidlet il-fehma taghha wara li rat l-affidavit ta' l-attur – in verita' sew wara dan ukoll – u certament li dan kollu juri li l-konvenuta kienet aktar minn negligenti sabiex ma'

tipprezentax l-eccezzjonijiet taghha fit-terminu legali – mhux hekk izda ma’ kellha ebda impediment sabiex taghmel dan u l-fatt li hija ma’ pprezentatx eccezzjonijiet kienet biss ghazla u decizjoni taghha; ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba tal-konvenuta ma’ tistax tigi milqugha ghaliex kienet hija li fuq kollox ghazlet li ghar-ragunijiet taghha ma’ tipprezentax nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni ta’ kontumacja ghandha tigi michuda ghaliex hija kompletament bla ebda bazi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi **b’referenza ghar-rikors tal-konvenuta datat 19 ta’ Jannar 2005 sabiex hija tiggustifika l-kontumacja taghha u tinghata fakolta’ li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet,** din il-Qorti filwaqt li tilqa’ r-risposta ta’ l-attur datata 11 ta’ Frar 2005, **tichad it-talba kontenuta fl-istess rikors *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u kompletament bla ebda bazi.**

Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------